



Brussell, 1 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12057/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233 (NLE)**

**JUSTCIV 142
CONSOM 152
MARE 31
COMER 114
RELEX 1063**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 419 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-“Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri”)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 419 final.

Mehmuż: COM(2025) 419 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2025
COM(2025) 419 final

2025/0233 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, adottata mill-
Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-
"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri")**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-trasport marittimu jikkostitwixxi pedament tal-kummerċ internazzjonali, li jiffaċilita t-trasport bil-baħar ta' aktar minn 90 % tal-merkanzija nnegozjata globalment. Dan jagħmel il-vapur assi vitali li mingħajru l-kummerċ globali ma jkunx possibbli. Minħabba l-kosteffettività tiegħu, it-tbaħħir huwa vitali għall-iżvilupp ekonomiku globali. Madankollu, il-qafas legali internazzjonali li jirregola t-tbaħħir ta' sikwit jiltaqa' ma' impedimenti li jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli uniformi fil-ġurisdizzjonijiet kollha.

Bħalissa, fil-maġġoranza tal-ġurisdizzjonijiet, inklużi dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), il-qrati nazzjonali għandhom il-kompetenza li jordnaw il-bejgħ ġudizzjarju ta' vapur biex tiġi ssodisfata pretensjoni affermata kontra l-vapur jew kontra sidu. Tali pretensjonijiet tipikament jinħolqu fil-kuntest tal-infurzar ta' rahan marittimu jew il-preklużjoni ta' ipoteka fuq vapur wara inadempjenza fl-obbligi ta' ħlas lura. Il-proċess tal-bejgħ ġudizzjarju normalment ikun preċedut mill-arrest tal-vapur.

Filwaqt li l-isforzi internazzjonali, b'mod partikolari permezz ta' konvenzjonijiet bħall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Arrest tal-Vapuri tal-1999⁽¹⁾, kisbu armonizzazzjoni konsiderevoli fir-regoli li jirregolaw l-arresti tal-vapuri, ir-reġim legali applikabbli għall-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri għadu frammentat, irregolat minn liġijiet domestiċi diverġenti. Is-sitwazzjoni għet parzjalment indirizzata mill-adozzjoni tal-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri** (“il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri”)⁽²⁾ fis-7 ta' Diċembru 2022, taħt l-awspicċi tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (“UNCITRAL”, United Nations Commission on International Trade Law), li hija korp stabbilit mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u subordinat għaliha. L-Assemblea Ġenerali tal-UNCITRAL talbet lill-Istati kollha u lill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li jixtiequ jsaħħu l-qafas legali internazzjonali għat-tbaħħir u n-navigazzjoni biex jikkunsidraw li jsiru parti għall-Konvenzjoni⁽³⁾.

L-adozzjoni ta' din il-Konvenzjoni, li takkomoda sistemi legali, soċjali u ekonomiċi diversi, tikkomplementa l-qafas legali eżistenti dwar it-tbaħħir u n-navigazzjoni u tippromwovi r-relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali stabbli. Din jistabbilixxi qafas legali armonizzat maħsub biex itejjeb iċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali fil-livell internazzjonali u Ewropew. Tikseb dan billi tistabbilixxi regoli uniformi li jirregolaw l-effetti internazzjonali tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, filwaqt li tiżgura li dan il-bejgħ jagħti titolu nadif - mingħajr l-ebda ipoteka, *hypothèque* jew tariffa rreġistrata – u billi tiffaċilita t-tixrid ta' informazzjoni dwar bejgħ ġudizzjarju prospettiv lill-partijiet interessati qabel bejgħ bħal dan. Dan il-qafas huwa mfassal biex jissalvagwardja d-drittijiet tax-xerrejja, tas-sidien tal-vapuri u tal-kredituri bl-istess mod, filwaqt li jrawwem il-fiduċja fil-kummerċ marittimu⁽⁴⁾.

Għall-partijiet ikkonċernati tal-UE, u b'mod partikolari għax-xerrejja prospettivi tal-vapuri, il-Konvenzjoni toffri protezzjonijiet legali sodi, u b'hekk issaħħaħ in-negozjar u l-kummerċ

(1) Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Arrest tal-Vapuri, 1999 għet adottata fit-12 ta' Marzu 1999 mill-Konferenza Diplomatika tan-Nazzjonijiet Uniti/tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (“Konferenza Diplomatika tan-NU/OMI”).

(2) Kopja vera ċċertifikata: https://treaties.un.org/doc/Treaties/2022/12/20221207%2011-11%20AM/CH_%20X-21.pdf

(3) <https://docs.un.org/en/A/RES/77/100>

(4) Ara l-Preambolu tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri.

marittimu internazzjonali. Billi tipprovdi ċerti garanziji u l-grad meħtieġ ta' uniformità, trasparenza u ċertezza legali, li jippermettu li l-vapur mixtri jiġi nnegożjat liberament, din il-Konvenzjoni x'aktarx li ttejjeb il-valur realizzabbli ta' tali vapuri, peress li l-eliminazzjoni tar-riskji legali tnaqqas il-ħtieġa għal skontijiet fuq il-prezzijiet. Dan se jkun ta' benefiċċju għall-partijiet relatati kollha, inklużi l-kredituri. Barra minn hekk, dan jista' jippermetti wkoll lill-finanzjaturi tal-UE jipprovdu finanzjament lill-vapuri b'fiduċja akbar peress li x-xiri tal-vapuri huwa ġeneralment iffinanzjat minn ipoteka fuq il-vapuri fejn il-garanzija ewlenija tal-finanzjatur għall-ħlas lura tkun il-vapur innifsu. Fl-aħħar nett, billi tindirizza l-ħtiġijiet kummerċjali tal-industrija marittima u finanzjarja, din il-Konvenzjoni x'aktarx li ssaħħaħ is-swieq finanzjarji tal-UE u ssaħħaħ ir-rwoli tagħha fil-kummerċ globali.

L-Unjoni Ewropea appoġġat b'mod konsistenti l-istrumenti multilaterali li jtejbju t-tkabbir tan-negożju permezz ta' aktar ċertezza legali u li se jipromwovu Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-UE, li għandha status ta' osservatur fil-UNCITRAL, ħadet sehem attiv fil-proċess tan-negożjati tal-Konvenzjoni ta' Beijing, immexxija minn mandat li jinkludi direttivi ta' negożjar⁽⁵⁾ mogħtija mill-Kunsill Ewropew. Matul il-proċess tan-negożjati fil-UNCITRAL, il-Kummissjoni rrappreżentat l-interessi tal-UE bil-ħsieb li possibbilment tiġi ffirmata u rratifikata din is-sistema internazzjonali futura.

Il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, adottata b'suċċess f'Diċembru 2022, fetħet għall-iffirmar f'ċerimonja f'Beijing fil-5 ta' Settembru 2023. Ħmistax-il Stat, il-Burkina Faso, iċ-Ċina, Comoros, El Salvador, Grenada, il-Honduras, Kiribati, il-Liberja, São Tomé u Príncipe, l-Arabja Sawdija, is-Senegal, is-Sierra Leone, Singapore, l-Iżvizzera u s-Sirja, iffirmaw il-Konvenzjoni fiċ-ċerimonja, li għaliha attendew uffiċjali għolja u rappreżentanti ta' aktar minn 30 Stat, inklużi rappreżentanti mill-Unjoni Ewropea.⁽⁶⁾ Ir-Repubblika Magħquda tat-Tanzanija u l-Ekwador iffirmaw fil-21 ta' Settembru u fit-23 ta' Novembru 2023, rispettivament.

Fit-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri⁽⁷⁾.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri⁽⁸⁾, innegożjata fil-Kunsill matul il-Presidenza Spanjola⁽⁹⁾, ġiet adottata fil-21 ta' Diċembru 2023.

Fl-14 ta' Marzu 2024, l-**Unjoni Ewropea** ffirmat il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York⁽¹⁰⁾. **Il-Belġju**

⁽⁵⁾ Ara n-Nota Punt "I/A" tal-Laqqha tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Nru 9711/22) tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2022 u l-Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (Nru 9026/22) li tawtorizza l-ftuħ ta' negożjati dwar Konvenzjoni dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri fil-qafas tal-UNCITRAL.

⁽⁶⁾ Għal aktar informazzjoni kkonsulta: <https://unis.unvienna.org/unis/en/pressrels/2023/unisl348.html>

⁽⁷⁾ COM(2023) 343 final - <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=COM:2023:343:FIN>

⁽⁸⁾ ĠU L, 2024/414, 29.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/414/oj> (BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, GA, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV) - https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202400414

⁽⁹⁾ Fil-laqqhat tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali) ta': is-6 ta' Settembru 2023 (ref. għal: ST 11378 2023 + ADD 1 u ADD 2); l-4 ta' Ottubru 2023 (ref. għal: ST 13292 2023 + ADD 1) u l-15 ta' Novembru 2023 (ref. għal: ST 13292 2023 REV 1 + ADD 1 REV1).

⁽¹⁰⁾ L-UE tiffirma f'konformità mal-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri li jipprevedi li Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija kostitwita minn Stati sovrani u li għandha kompetenza fuq ċerti materji rregolati mill-Konvenzjoni tista' tiffirma l-

ffirma l-Konvenzjoni fl-istess okkażjoni bħall-Unjoni⁽¹¹⁾ segwit mil-Lussemburgu fl-24 ta' Marzu 2024. Fl-avveniment ta' ċelebrazzjoni ta' Malta għall-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, li sar mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ ta' Malta, il-Comité Maritime International u l-UNCITRAL fid-19 ta' Ġunju 2024, Antigua u Barbuda, il-Kosta tal-Avorju, **il-Kroazja, Ċipru, l-Italja, Malta u Spanja** ffirmaw il-Konvenzjoni⁽¹²⁾, segwiti mil-Libja fil-25 ta' Settembru 2024, ir-Repubblika Dominicana fit-30 ta' Settembru 2024 u l-Gabon fit-18 ta' Novembru 2024. Il-Ghana ffirmat fis-6 ta' Jannar 2025, il-Panama fis-6 ta' Marzu 2025 u l-Brażil fit-22 ta' April 2025. Dan jagħmel total ta' **33 firmatarju**⁽¹³⁾ għall-Konvenzjoni li minnhom **7 firmatarji huma Stati Membri tal-UE u l-Unjoni Ewropea**.

Fit-23 ta' Mejju 2024, El Salvador sar l-ewwel Stat firmatarju li rratifika l-Konvenzjoni segwit minn Barbados fit-8 ta' Mejju 2025. F'konformità mal-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni⁽¹⁴⁾, il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ 180 jum wara d-data tad-depożitu tat-tielet strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni.

L-iffirmar tal-Unjoni Ewropea jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem, li juri impenn politiku sod sabiex isir progress lejn ir-ratifika tagħha. Dan huwa appoġġat mir-rispons bla preċedent u rapidu mill-Istati Membri tal-UE għall-iffirmar tal-Konvenzjoni li jindika li din il-Konvenzjoni hija meħtieġa biex timtela lakuna fil-qafas legali tal-UE u internazzjonali dwar it-tbaħħir. Il-konklużjoni tagħha u r-ratifika aktar tard mill-Istati Membri potenzjalment se jsostnu t-tkabbir tal-kummerċ permezz ta' ċertezza legali akbar u għalhekk se jippromwovu Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja. Din se tikkontribwixxi wkoll biex tkompli tiżgura politika kummerċjali trasparenti u inklużiva. Għalhekk, id-dħul fis-seħħ tagħha ma għandux jiddewwem bla bżonn.

Jekk il-Konvenzjoni tiġi konkluża f'isem l-Unjoni, kif propost mill-Kummissjoni, il-Konvenzjoni tagħti effetti internazzjonali lill-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, mibjugħin ħielsa u eżenti minn kull ipoteka jew *hypothèque* u minn kull tariffa, inkluż għal skopijiet ta' reġistrazzjoni tal-vapur, fost l-Istati Membri tal-UE li jirratifikawha u ma' Stati Kontraenti oħrajn tal-Konvenzjoni.

Din il-proposta hija konformi mal-objettivi tal-Kummissjoni stabbiliti fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea (2024-2029)⁽¹⁵⁾, b'mod partikolari dawk relatati mal-prijorità "Prosperità u Kompetittività". Hija konformi mal-impenn tal-UE għall-multilateraliżmu fir-relazzjonijiet internazzjonali, u x'aktarx tinkoraġġixxi lil aktar pajjiżi u lis-sħab kummerċjali tal-UE biex jingħaqdu mal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali kienet koperta mill-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 81(2)(a) jipprevedi miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw "ir-rikonossiment reċiproku bejn Stati Membri u l-infurzar ta' deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji

Konvenzjoni. L-Artikolu 18(2) tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati mill-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza ġiet trasferita lil dik l-organizzazzjoni mill-Istati membri tagħha. L-Unjoni Ewropea għamlet dik id-dikjarazzjoni li tindika l-kompetenza tagħha fil-materji rregolati mill-Konvenzjoni.

(11) Aktar informazzjoni fuq <https://unis.unvienna.org/unis/pressrels/2024/unisl354.html>

(12) Aktar informazzjoni fuq <https://unis.unvienna.org/unis/en/pressrels/2024/unisl357.html>

(13) <https://uncitral.un.org/en/judicialsaleofships/status> (aċċessat l-aħħar fl-24 ta' Marzu 2025).

(14) L-Artikolu 21 - Dħul fis-Seħħ - https://treaties.un.org/doc/Treaties/2022/12/20221207%2011-11%20AM/CH_%20X-21.pdf

(15) https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029_mt

u ekstraġudizzjarji” u l-Artikolu 81(2)(c) ikopri l-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-ġuriżdizzjoni, inkluż pereżempju fir-rigward ta’ azzjonijiet li jikkonċernaw l-annullament jew is-sospensjoni tal-bejgħ ġudizzjarju ta’ vapur. L-Artikolu 81(2)(b) jipprevedi wkoll “in-notifika transkonfinali ta’ dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji”. Barra minn hekk, l-Artikolu 81(2)(e) għandu l-għan li jiżgura “aċċess effettiv għall-ġustizzja”.

F’konformità mal-objettiv ta’ politika li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja, b’mod partikolari billi jiġu pprovduti regoli dwar (i) il-ġuriżdizzjoni tal-qrati u (ii) ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni rapidi u sempliċi ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali mogħtija fl-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)⁽¹⁶⁾. Dan ir-Regolament jiddetermina l-qrati ta’ liema Stat Membru jkollhom ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar tilwima ċivili u kummerċjali meta jkun hemm element internazzjonali. Dan jipprevedi wkoll li sentenza mogħtija fi Stat Membru trid tiġi rikonossuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali, u li s-sentenzi kif ukoll l-istrumenti awtentiċi mogħtija fi Stat Membru u eżegwibbli f’dak l-Istat iridu jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta’ eżegwibbiltà. Jipprevedi wkoll żewġ forum; iċ-ċertifikat li jikkonċerna sentenza u ċ-ċertifikat li jikkonċerna strument awtentiku jew soluzzjoni bil-qorti.

Barra minn hekk, l-UE għandha sistema żviluppata sew internament li tirregola n-notifika transfruntiera ta’ dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji bejn l-Istati Membri. Is-sistema ta’ notifika ta’ dokumenti, li ilha tapplika minn Mejju 2001, tipprovd i proċedura għan-notifika tad-dokumenti permezz ta’ “aġenziji mittenti” u “aġenziji riċeventi” nominati mingħajr rikors għal mezzi konsulari u diplomatiċi, u metodi oħrajn ta’ notifika tad-dokumenti. Is-sistema ta’ kooperazzjoni ġudizzjarja fin-notifika ta’ dokumenti ġiet immodernizzata bl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta’ dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f’materji ċivili jew kummerċjali⁽¹⁷⁾. Dan ir-Regolament jintroduċi regoli ġodda li jfittxu li jtejb u l-effiċjenza u l-ħeffa tal-proċedimenti ġudizzjarji transfruntieri billi jieħdu vantaġġ mid-diġitalizzazzjoni u mill-użu tat-teknoloġija moderna, bl-għan li finalment javvanzaw l-aċċess għall-ġustizzja u għal proċess ġust għall-partijiet.

Fil-livell internazzjonali, il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġuriżdizzjoni internazzjonali u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali huma indirizzati mill-ftehimiet multilaterali fejn l-UE hija parti kontraenti: Il-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Forum⁽¹⁸⁾; il-Konvenzjoni ta’ Lugano tal-2007 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali; il-ftehim parallel konkluż mad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali⁽¹⁹⁾; u l-Konvenzjoni ta’ The Hague tal-2019 dwar ir-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta’ Sentenzi Barrani⁽²⁰⁾.

Bħalissa ma hemm l-ebda qafas internazzjonali speċifiku għall-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, u speċifikament dwar ir-rikonossiment tal-bejgħ ġudizzjarju barrani tal-vapuri u l-effetti tagħhom. Din is-sitwazzjoni toħloq inċertezza legali, li tfixkel in-negozju u l-kummerċ internazzjonali.

⁽¹⁶⁾ ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

⁽¹⁷⁾ ĠU L 405, 2.12.2020, p. 40.

⁽¹⁸⁾ ĠU L 133, 29.5.2009 (l-Anness I).

⁽¹⁹⁾ ĠU L 339, 21.12.2007, p. 3.

⁽²⁰⁾ ĠU L 187, 14.7.2022, p. 4–15.

Dwar il-kwistjoni tad-drittijiet fuq il-vapuri, saru diversi tentattivi, mingħajr suċċess, biex jiġu armonizzati r-regoli tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri permezz tal-adozzjoni tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli relatati mal-Irhna u l-Ipoteki Marittimi tal-1926⁽²¹⁾ u tal-1967⁽²²⁾ u l-Konvenzjoni dwar l-Arrest tal-1993⁽²³⁾. Għalkemm dawn it-tliet Konvenzjonijiet kien fihom dispożizzjonijiet dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, dawn ma ġewx aċċettati b'mod estensiv.

Lil hinn minn dawn il-Konvenzjonijiet li ma rnexxewx, ħafna ġurisdizzjonijiet diġà rrikonoxxew l-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju barrani inkluż it-titolu ta' proprjetà ħielsa konferit minnhom, pereżempju abbażi tal-korteżija. Madankollu, ma jeżisti l-ebda qafas multilaterali globali għar-rikonoxximent tal-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju barrani tal-vapuri.

Il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Beygħ Ġudizzjarju tal-Vapuri għalhekk tikkomplementa l-qafas eżistenti tal-UE malli tiġi rratifikata mill-Istati Membri, u fiż-xena internazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, tiżgura li l-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri jiġu rikonoxxuti internazzjonalment.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE li tiegħu azzjoni biex tiżgura li l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE tiġi rispettata fil-qafas internazzjonali, billi tingħaqad ma' konvenzjonijiet internazzjonali li jinkludu dispożizzjonijiet skont il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, meta dan ikun permess mill-preżenza ta' klawżola REIO fil-konvenzjoni.

Bħal f'dan il-każ, il-klawżola REIO tippermetti lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jiffirmaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu ma' strument internazzjonali, jew li jawtorizzaw lill-Istati Membri tal-UE jagħmlu dan f'isem l-UE.

Il-klawżola ta' skonnessjoni fl-Artikolu 18(4) tal-Konvenzjoni ta' Beijing se tiżgura rabta bla xkiel bejn l-istrumenti tad-dritt tal-UE u l-konvenzjoni u, sa fejn ikun possibbli u meta jkun xieraq, tissalvagwardja l-applikazzjoni ta' strumenti attwali jew futuri tal-Unjoni, b'mod partikolari r-regoli li jinsabu fir-Regolament Brussell Ia u r-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti.

B'mod partikolari, il-klawżola ta' skonnessjoni se tiżgura li r-regoli ġurisdizzjonali tal-UE dwar proċedimenti li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' sentenzi bejn l-Istati Membri ma jiġux affettwati. Il-klawżola ta' skonnessjoni għandha tiżgura wkoll li meta tkun trid issir notifika ta' dokument bejn l-Istati Membri u d-destinatarju jkun domiċiljat fl-UE, ir-regoli tal-UE dwar in-notifika tad-dokumenti japplikaw bejn l-istati mittenti u daww riċeventi.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 81(2), il-punti (b) u (c), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) minħabba li l-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Beygħ Ġudizzjarju tal-Vapuri hija strument internazzjonali li jaqa' taħt il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali.

⁽²¹⁾ Konkluża fl-10 ta' April 1926 fi Brussell.

⁽²²⁾ Konkluża fis-27 ta' Mejju 1967 fi Brussell.

⁽²³⁾ Adottata fit-12 ta' Marzu 1999 mill-Konferenza Diplomatika tan-Nazzjonijiet Uniti/l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ("Konferenza Diplomatika tan-NU/OMI").

Abbażi tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, xi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esterna esklużiva tal-UE minħabba li “[jistgħu jolqtu] xi regoli komuni jew [ibiddlu] il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom”. Il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri fiha dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (jiġifieri l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri “Ġuriżdizzjoni biex jiġi evitat u sospiż il-bejgħ ġudizzjarju”). Din il-Konvenzjoni fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar in-notifika ta' bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (jiġifieri l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri “Avviż ta' bejgħ ġudizzjarju”).

- **Dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea**

L-Artikolu 18(2) (Parteċipazzjoni minn organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika) tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri jirrikjedi li l-Unjoni Ewropea, meta tiffirma l-Konvenzjoni, tagħmel dikjarazzjoni lid-Depożitarju li tispeċifika l-materji rregolati minn din il-Konvenzjoni li fir-rigward tagħhom il-kompetenza tkun ġiet ittrasferita lill-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri tagħha. Fiż-żmien tal-iffirmar tal-Konvenzjoni fl-14 ta' Marzu 2024, l-UE għamlet dik id-dikjarazzjoni li tindika l-kompetenza tagħha f'materji rregolati mill-Konvenzjoni⁽²⁴⁾.

Dik id-dikjarazzjoni hija mehmuża ma' din il-proposta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux Applikabbli

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tfittex li (i) iżżid l-aċċess għall-ġustizzja għall-partijiet tal-UE billi tiżgura r-rikonossiment tal-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju barrani tal-vapuri u (ii) ittejjeb iċ-ċertezza legali għan-negozji u ċ-ċittadini involuti fi tranżazzjonijiet internazzjonali. Fl-istess ħin, din il-Konvenzjoni għandha l-potenzjal li tnaqqas l-ispejjeż u t-tul tal-proċedimenti f'litigazzjoni transfruntiera fil-qorti.

Dawn l-oġġettivi jistgħu jinkisbu biss bl-aderenza ma' sistema li tipprovdi sett ta' regoli uniformi li jagħtu effetti internazzjonali lill-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri mibjugħa ħielsa minn kwalunkwe ipoteka jew *hypothèque* u minn kwalunkwe tariffa, inkluż għal skopijiet ta' reġistrazzjoni tal-vapuri, u li jippromwovu t-tixrid ta' informazzjoni dwar bejgħ ġudizzjarju prospettiv lil partijiet ikkonċernati, bħal dik adottata fil-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri.

L-azzjoni unilaterali fil-livell tal-UE ma tkunx tista' tilħaq dawn l-oġġettivi peress li ma tkunx tista' tiżgura li l-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri mwettqa fl-UE jkun rikonossuti f'pajjiżi barra mill-UE, fejn il-vapur mibjugħ permezz ta' bejgħ ġudizzjarju jista' jkun irregiżtrat. Din is-sitwazzjoni ma tevitax il-problemi li jirriżultaw mill-*istatus quo* fl-arena internazzjonali, jiġifieri n-nuqqas ta' regoli maqbula dwar ir-rikonossiment ta' titolu nadif fuq il-vapuri wara bejgħ ġudizzjarju u n-nuqqas ta' ċertezza legali li jirriżulta minn dan.

⁽²⁴⁾ <https://uncitral.un.org/en/judicialsaleofships/status>

Il-konklużjoni ta' qafas multilaterali bħall-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri jkun aktar effiċjenti mid-dħul f'negozjati bilaterali ma' Stati mhux tal-UE. Din tiżgura qafas legali komuni għat-trattament tar-rikonossiment tal-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, kull meta jseħħ bejgħ bħal dan. Tiżgura wkoll qafas legali komuni wieħed għaċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE li jixtiequ r-rikonossiment tat-titolu nadif fuq vapur akkwistat minn bejgħ ġudizzjarju kemm fi Stati mhux tal-UE kif ukoll fl-UE.

Fl-aħħar nett, din il-proposta ma tmurx lil hinn mill-għan li tiżgura li l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE dwar ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri tiġi rispettata u li din il-Konvenzjoni ma timpedix l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE bejn l-Istati Membri tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux Applikabbli

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Peress li l-UNCITRAL sejħet l-ewwel laqgħa esploratorja dwar abbozz ta' strument dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri f'Mejju 2019, l-Istati Membri ġew infurmati u kkonsultati regolarment fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Kwistjonijiet Ġenerali) dwar l-opzjonijiet differenti u l-linji kkoordinati li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-pożizzjoni tal-UE fil-qafas tad-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma VI tal-UNCITRAL (Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri). Barra minn hekk, id-delegati tal-Istati Membri ġew ikkonsultati regolarment fuq il-post fi Vjenna jew fi New York matul is-sessjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma. Il-Kummissjoni rrapportat dwar l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma VI wara kull sessjoni tal-UNCITRAL fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji tad-Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali).

Miż-żmien tal-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni, li tippreżenta l-pożizzjoni tal-UE, ġiet mistiedna tipprovdi aġġornamenti dwar il-proċess tal-iffirmar u l-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'diversi konferenzi, seminars u lekċers⁽²⁵⁾ organizzati mill-Istati Membri, l-Assoċjazzjonijiet tad-Dritt Marittimu u l-Universitajiet tagħhom. F'dawn l-attivitajiet, il-Kummissjoni tieħu l-opportunità li tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet kompetenti u mal-esperti tal-Istati Membri biex tiġbor aġġornamenti u żviluppi fil-livell domestiku dwar il-ħidma mwettqa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Konvenzjoni fiż-żmien tar-ratifika tagħha. Perjodikament, il-Kummissjoni tirrapporta l-eżiti ewlenin ta' dawn l-attivitajiet fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji tad-Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali).

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fil-proċess ta' negozjar tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, il-Kummissjoni, konsistentement u bi trasparenza sħiħa, ikkonsultat l-għarfien espert ipprovdut mill-esperti fil-qasam mill-Istati Membri u qagħdet fuqu.

⁽²⁵⁾ Elenkati taħt "Ġbir u użu ta' għarfien espert".

Barra minn hekk, fil-ħidma tagħha l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-għarfien espert miġbur mill-Kollokju iddedikat għall-kwistjonijiet marbuta mal-ħidma dwar l-istrument internazzjonali futur dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri organizzat taħt il-patroċinju tal-Presidenza Kroata fis-7 ta' Settembru 2020. Il-Bord tal-Kollokju kien magħmul minn diversi esperti internazzjonali fid-dritt marittimu u speċifikament fil-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, u attira l-parteċipazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' speċjalisti mill-industrija marittimi, tal-kummerċ internazzjonali u tal-finanzi. Il-feedback li wasal mingħand il-partijiet ikkonċernati bi tweġiba għal stedina biex jagħtu l-fehma tagħhom dwar il-fehim tal-Kummissjoni tal-problema u s-soluzzjonijiet possibbli kif issuġġerit fil-proġett UNCITRAL, kien utli ħafna għall-ħidma tal-Kummissjoni.

Fil-ħidma mwettqa fuq din il-Konvenzjoni, id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma VI tal-UNCITRAL kienu magħmula minn esperti, inklużi akkademiċi u uffiċjali tal-gvern. Il-konsultazzjonijiet mal-industrija marittima dinjija mwettqa mill-parteċipazzjoni attiva tal-Kummissjoni fil-Konferenza tal-Comité Maritime International (CMI) tal-2022 (18-21 ta' Ottubru 2022 f'Antwerp, il-Belġju) urew interess ġenerali u appoġġ qawwi għall-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri.

Bl-istess mod, is-Simpożju ta' Malta dwar il-Konvenzjoni ta' Beijing organizzata mill-Gvern ta' Malta f'kollaborazzjoni mal-UNCITRAL u l-Comité Maritime International (CMI) li saret fis-26 ta' April 2023 ipprova l-ewwel opportunità biex jiġu diskussi, mal-leġiżlaturi internazzjonali u Ewropej ewlenin, mal-partijiet ikkonċernati fl-industrija marittima u bankarja u mal-Kummissjoni Ewropea, id-diversi konsegwenzi relatati mal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri kif ukoll l-implikazzjonijiet u r-riperkussjonijiet tal-Konvenzjoni. L-opinjoni u l-iskambji matul dan l-avveniment għenu lill-Kummissjoni Ewropea tifhem aħjar il-kwistjonijiet involuti u ssawwar id-deċizzjonijiet ta' politika futuri tagħha li wasslu għall-adozzjoni rapida tal-proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Konvenzjoni fit-30 ta' Ġunju 2023.

Fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2023, il -Kummissjoni organizzat, mal-Presidenza Spanjola, Workshop li l-għan tiegħu kien li jipprovdi pjattaforma għall-Istati Membri tal-UE biex jivvalutaw il-benefiċċji potenzjali tal-Konvenzjoni ta' Beijing, jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet sinifikanti, jaqsmu l-għarfien espert, u jrawmu l-kooperazzjoni biex itejbu l-kummerċ u l-investment marittimu. Dan il-workshop laqqa' flimkien 24 espert tal-Istati Membri (inklużi rappreżentanti mill-ġudikatura, mir-Reġistri tal-Vapuri u uffiċjali mill-amministrazzjonijiet nazzjonali), rappreżentanti mill-Assoċjazzjonijiet tad-Dritt Marittimu (Taljani, Spanjoli, Kroati, il-Belġju, in-Netherlands, Malta), mis-Segretarjat tal-UNCITRAL, mill-Comité Maritime International (CMI), mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema tat-Trasport (ITF Global, International Transport Workers' Federation), mill-Kamra Internazzjonali tat-Tbaħħir (ICS, ICS), mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Avukati (IBA, International Bar Association), mill-BIMCO u l-akkademiċi. L-esperti pprovdew gwida u għenu fl-esplorazzjoni fid-dettall tal-kontenut tal-Konvenzjoni ta' Beijing, u biex jivvalutaw l-isfidi u l-vantaġġi tal-iffirmar u r-ratifika tal-Konvenzjoni. Il-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri u tal-esperti mill-industrija kkonfermat li ladarba l-Konvenzjoni tiġi ffirmata u rratifikata mill-Istati Membri tal-UE, il-partijiet ikkonċernati tal-UE, inklużi x-xerrejja prospettivi tal-vapuri, se jkunu protetti b'mod adegwat. U għall-investituri tal-UE – li spiss jipprovdu finanzjament għax-xiri tal-vapuri kontra l-vapur innifsu – dawn se jkunu jistgħu jagħmlu dan b'fiduċja akbar. Dan ċertament se jsaħħaħ il-kummerċ marittimu internazzjonali – is-sinsla ta' ħafna ekonomiji lokali u nazzjonali madwar l-Unjoni. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-workshop mhux biss ipprova forum għall-parteċipanti biex isiru familjari mad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji ewlenin tal-Konvenzjoni, jiddiskutu l-benefiċċji tar-ratifika u l-implimentazzjoni fil-

livell nazzjonali, iżda b' mod aktar importanti pprova opportunità biex jiġu indirizzati l-isfidi potenzjali u l-possibiltajiet biex dawn jingħelbu. L-Istati Membri ġew imħeġġa jibdedw jikkollaboraw u jiskambjaw informazzjoni biex jiffaċilitaw ir-ratifika bla xkiel tal-Konvenzjoni ta' Beijing, u jippermettu dħul fis-seħħ bikri tal-Konvenzjoni. B'riżultat ta' dan, u wara l-iffirmar minn ċerti Stati Membri, il-Kummissjoni tiġi aġġornata regolarment dwar il-progress fil-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali lejn ir-ratifika futura tal-Konvenzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-għarfien espert estensiv fil-livell tal-UE dwar ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fil-livell tal-UE skont ir-Regolament Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali u r-Regolament predeċessur tiegħu Nru 44/2001 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, li min-naħa tiegħu kien is-suċċessur tal-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tal-1968 dwar l-istess suġġett. Teżisti gwida estensiva mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma hijiex appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, kif huwa indikat ukoll hawn fuq, saru konsultazzjonijiet intensivi mal-esperti tal-Istati Membri u l-industrija marittima inġenerali qabel ma bdiet il-ħidma fuq l-abbozz tal-konvenzjoni, matul in-negozjati fil-UNCITRAL u wara l-adozzjoni tagħha.

Sa mill-2018, f'Malta sar ukoll Kollokju ta' livell għoli fil-Belt Valletta, fis-27 ta' Frar 2018 fejn l-abbozz oriġinali ta' proposta għal konvenzjoni dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri rċieva appoġġ minn sezzjoni trasversali tal-industrija marittima internazzjonali⁽²⁶⁾, inklużi l-finanzjaturi tal-vapuri, is-sidien tal-vapuri, il-fornituri tal-bunkers, dawk li jsewwu l-vapuri, l-awtoritajiet tal-portijiet u r-reġistri tal-vapuri. Il-Gvern tal-Iżvizzera ħejja wkoll dokument dettaljat⁽²⁷⁾ li kien jinkludi l-eżiti u l-konklużjonijiet tal-Kollokju ta' livell għoli, u li ġie diskuss u kkunsidrat kif xieraq mill-Kummissjoni UNCITRAL fil-wieħed u ħamsin sessjoni tagħha (New York, 25 ta' Ġunju–13 ta' Lulju 2018). Dawn il-konsultazzjonijiet u l-ħidma komplew matul il-proċess tan-negozjati fil-UNCITRAL kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali, u għadhom għaddejnin kif spjegat hawn fuq.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita u ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja għan-negozji u ċ-ċittadini tal-UE minħabba li qafas legali għar-rikonossiment internazzjonali tal-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri se jikkontribwixxi għal proċess ġust fir-rigward tal-bejgħ ġudizzjarju u jiżgura li l-partijiet affettwati kollha jkollhom l-opportunità jasserixxu d-drittijiet tagħhom.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri se ttejjeb il-protezzjoni u r-rimedji ġudizzjarji għall-kredituri *bona fide*, li tipikament ikollhom l-għan li jimmassimizzaw il-pretensjonijiet tagħhom u dan sa ċertu punt jirrifletti r-regoli interni tal-UE

⁽²⁶⁾ Inklużi rappreżentanti tal-Kunsill Marittimu Baltiku u Internazzjonali (BIMCO, Baltic and International Maritime Council), il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema tat-Trasport (ITF, International Transport Workers Federation) u l-Federazzjoni tal-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali tas-Sensara u l-Aġenti tal-Vapuri (FONASBA, Federation of National Associations of Ship Brokers and Agents).

⁽²⁷⁾ <https://documents.un.org/doc/undoc/ltid/v19/008/27/pdf/v1900827.pdf?OpenElement>

li jirregolaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi stabbiliti fir-Regolament Brussell Ia, u dawk dwar in-notifika ta' dokumenti li huma stabbiliti fir-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti u r-riformulazzjoni tiegħu.

Il-possibbiltajiet fil-Konvenzjoni li wieħed iressaq talba jew rikors biex jiġi evitat bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri li jagħti titolu nadif lill-vapur jew biex jiġu sospiżi l-effetti tiegħu (l-Artikolu 9 “Ġurisdizzjoni biex jiġi evitat u sospiż il-bejgħ ġudizzjarju”) u dispożizzjoni dwar l-ordni pubbliku (l-Artikolu 10 “Ċirkostanzi li fihom il-bejgħ ġudizzjarju ma jkollu l-ebda effett internazzjonali”) fil-Konvenzjoni huma konformi mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ta' ġustizzja proċedurali tal-UE u mal-ordni pubbliku tal-Istat fejn qed jintalab ir-rikonoxximent tal-effetti tal-bejgħ ġudizzjarju. Għaldaqstant, dan se jgħin biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali bħad-dritt tad-difiża jew id-dritt ta' proċess ġust ikunu ġew osservati kif xieraq f'pajjiż mhux tal-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux Applikabbli

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux Applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti
dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, adottata mill-
Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-
"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri")**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), il-punti (b) u (c), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁽¹⁾,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414⁽²⁾, il-Konvenzjoni ġiet iffirmata fl-14 ta' Marzu 2024 f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, soġġetta għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.
- (2) Il-Konvenzjoni hija l-ewwel strument internazzjonali li jstabilixxi reġim armonizzat biex jingħata effett internazzjonali lill-bejgħ ġudizzjarju, filwaqt li tiġi ppreservata l-liġi domestika li tirregola l-proċedura tal-bejgħ ġudizzjarju u ċ-ċirkostanzi li fihom il-bejgħ ġudizzjarju jagħti titolu nadif. Hija ssaħħa il-qafas legali internazzjonali eżistenti dwar it-tbaħħir u n-navigazzjoni u tagħti kontribut utli għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali armonjużi. Billi tiżgura ċ-ċertezza legali fir-rigward tat-titolu li x-xerrej jakkwista fil-vapur hekk kif jinnaviga fuq livell internazzjonali, il-Konvenzjoni hija mfassla biex timmassimizza l-prezz li l-vapur jista' jattira fis-suq u r-rikavat disponibbli għad-distribuzzjoni fost il-kredituri, u biex tippromwovi l-kummerċ internazzjonali. Għalhekk huwa preferibbli li l-Konvenzjoni tiġi applikata mill-aktar fis possibbli.
- (3) Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni se tikkontribwixxi biex jiġu żgurati ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali fil-livell internazzjonali u Ewropew billi toħloq reġim uniformi għall-effetti internazzjonali tal-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, li huma objettivi ewlenin tal-Unjoni li għandhom jitwettqu fl-attivitajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 3(5) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.
- (4) L-Unjoni qed tiżviluppa kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili b'implikazzjonijiet transfruntieri abbażi tal-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet f'każijiet ekstraġudizzjarji. F'dak il-kuntest, il-leġiżlatur tal-Unjoni

⁽¹⁾ ĠU C, p. ...

⁽²⁾ L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (ĠU L. 29.1.2024)

